MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 973/2002/1

**Maltacom Plc**

**vs**

**Michael u Connie konjugi Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm850.05c (tmien mija u hamsin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2157 1203 (skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma’ l-Avviz immarkat Dok. A).

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' lill-Pl Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm850.05c (tmien mija u hamsin lira Maltin u hames centezmi) dovuti ghal servizzi prestati.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**